

31990L0641

L 349/21

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.12.1990

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' 1-4 ta Diċembru 1990

dwar il-protezzjoni operattiva ta' ħaddiema esterni esposti għar-riskju ta' radjazzjoni jonizzanti matul l-attivitajiet tagħhom f'żoni kkontrollati

(90/641/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, sottomessa wara konsultazzjoni ma' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost esperti xjentifiċi fl-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tat-Trattat,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi, l-Artikolu 2(b) tat-Trattat jipprovdi li l-Komunità għandha tistabilixxi *standards* uniformi ta' sigurtà biex tippoteġi s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku inġenerali u tiżgura li jkunu applikati skond il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III tat-Titolu II tat-Trattat;

Billi, fit-2 ta' Frar 1959, il-Kunsill adotta Direttiva li jstabilixxu *standards* bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku inġenerali kontra l-perikoli kkawżati mir-radjazzjonijiet jonizzanti ⁽³⁾, kif emendati bid-Direttiva 80/836/Euratom ⁽⁴⁾ u 84/467/Euratom ⁽⁵⁾;

Billi t-Titolu VI tad-Direttiva 80/836/Euratom jistabilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw protezzjoni operattiva ta' ħaddiema esposti;

Billi l-Artikolu 40(1) ta' dik id-Direttiva jipprovdi li kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura l-protezzjoni effikaċi tal-ħaddiema esposti;

Billi l-Artikoli 20 u 23 ta' dik id-Direttiva jstabilixxu klassifika ta' arji ta' xogħol u kategoriji ta' ħaddiema esposti skond il-livell ta' espożizzjoni;

Billi l-ħaddiema li jwettqu attivitajiet f'arja kkontrollata fis-sens ta' l-imsemmija L-Artikoli 20 u 23 jistgħu ikunu parti mill-persunal ta' l-operatur jew ikunu ħaddiema esterni;

Billi l-Artikolu 3 tad-Direttiva 80/836/Euratom dwar l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva jipprovdi li dawn għandhom ikunu rrapportati jew suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel f'każijiet li jiġu deċiżi minn kull wieħed mill-Istati Membri;

Billi ħaddiema esterni x'aktarx ikunu esposti għal radjazzjoni jonizzanti f'diversi arji kkontrollati b'mod suċċessiv f'wieħed u l-istess Stat Membru jew fi Stati Membri differenti; billi dawn il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' xogħol jirrikjedu sistema approprijata ta' monitoraġġ radjoloġiku;

Billi kull sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku għal ħaddiema esterni għandha ttiprovdi protezzjoni ekwivalenti għal dik offerta lill-ħaddiema stabbli ta' l-operatur, permezz ta' dispożizzjonijiet komuni;

Billi, sakemm tkun introdotta sistema uniformi mal-Komunità kollha, għandu jittieħed kont ukoll tas-sistemi ta' monitoraġġ radjoloġiku għal ħaddiema esterni li jistgħu jeżistu fl-Istati Membri;

Billi, biex tintuża bl-aħjar mod ta' protezzjoni ta' ħaddiema esterni, huwa neċessarju li jiġu definiti b'mod ċar l-obbligi ta' impriżi u operaturi esterni, mingħajr preġudizzju għall-kontribuzzjoni li ħaddiema esterni stess għandhom jagħtu għall-protezzjoni tagħhom innifishom;

Billi s-sistema għall-protezzjoni radjoloġika ta' ħaddiema esterni tapplika wkoll sa fejn hu prattikabbli għall-każ ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu bl-istatus ta' impriża esterna,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IT-TITOLU I

L-Iskop u d-definizzjonijiet*L-Artikolu 1*

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tissupplimenta d-Direttiva 80/836/Euratom biex b'hekk isir l-aħjar użu fl-livell Komunitarju ta' l-arranġamenti ta' protezzjoni operattiva għal ħaddiema esterni li jwettqu attivitajiet f'arji kkontrollati.

L-Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

— "arji kkontrollati" tfisser kull arja suġġetta għal regoli speċifiċi għall-finijiet ta' protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzanti li għaliha l-aċċess hu kkontrollat, kif speċifikat fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 80/836/Euratom;

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Ottubru 1990 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

⁽²⁾ ĠU C 56, tas-7.3.1990, p. 1.

⁽³⁾ ĠU Nru 11, ta' l-20.2.1959.

⁽⁴⁾ ĠU L 246, tas-17.9.1980, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 265, tal-5.10.1984, p. 4.

- “operatur” ifisser kull persuna fiżika jew ġuridika li taħt il-liġi nazzjonali, hija responsabbli għal arja kkontrollata li fiha titwettaq attività rikjesta li tkun irrapportata skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 80/836/Euratom;
- “impriża esterna” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, minbarra l-operatur, inklużi membri mill-persunal tiegħu, li jwettqu attività ta' kull xorta f'arja kkontrollata;
- “ħaddiem estern” ifisser kull ħaddiem ta' kategorija A, kif definit fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 80/836/Euratom, li jwettaq attività ta' kull xorta f'arja kkontrollata, kemm jekk impjegat temporanjament jew permanentement minn impriża esterna, inklużi *trainees*, *apprentisti* u studenti fis-sens ta' l-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva, kif ukoll jekk jipprovdi servizzi bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu;
- “sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku” tfisser miżuri biex ikunu applikati l-arranġamenti stabbiliti fid-Direttiva 80/836/Euratom, u b'mod partikulari fit-Titolu VI tagħha, matul l-attivitàjiet ta' ħaddiema esterni.
- “attivitàjiet imwettqa minn ħaddiem” tfisser kull servizz jew is-servizzi pprovduti minn ħaddiema esterni f'arja kkontrollata li għaliha l-operatur huwa responsabbli.

IT-TITOLU II

Obbligi ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri*L-Artikolu 3*

Kull Stat Membru għandu jwettaq l-attivitàjiet li jirreferi għalihom l-Artikolu 2 tad-Direttiva 80/836/Euratom minn impriżi esterni soġġetti għal rapport jew awtorizzazzjoni minn qabel kif stabbilit skond it-Titolu II tad-Direttiva msemmija qabel, b'mod partikulari l-Artikolu 3 tiegħu.

L-Artikolu 4

1. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura li s-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku tagħti lill-ħaddiema esterni protezzjoni ekwivalenti għal dik li tingħata lill-ħaddiema impjegati fuq bażi permanenti mill-operatur.
2. Sakemm titwaqqaf, fuq livell Komunitarju, sistema uniformi ta' protezzjoni radjoloġika għall-ħaddiema esterni, bħal ma jkun *network* ta' kompjuters, wieħed għandu jirrikorri:
 - (a) fuq bażi transitorja, skond id-dispożizzjonijiet komuni espressi fl-Anness I, għal
 - *network* nazzjonali ċentralizzat, jew
 - il-ħruġ ta' dokument individwali ta' monitoraġġ radjoloġiku lil kull ħaddiem estern, f'dan il-każ id-dispożizzjonijiet komuni ta' l-Anness II għandhom ukoll japplikaw;

- (b) fil-każ ta' ħaddiema esterni li jiġu minn barra, u sad-data tat-twaqqif ta' sistema fis-sens tal-paragrafu 2, għad-dokument individwali msemmi f'(a).

IT-TITOLU III

Obbligi ta' impriżi u operaturi esterni*L-Artikolu 5*

Impriżi esterni, kemm direttament kemm permezz ta' ftehim kuntrattwali ma' l-operaturi, għandhom jiżguraw il-protezzjoni radjoloġika tal-ħaddiema tagħhom skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titoli III sa VI tad-Direttiva 80/836/Euratom, u b'mod partikulari:

- (a) jiżguraw konformità mal-prinċipji ġenerali u l-limitazzjoni ta' dożi msemmija fl-Artikolu 6 sa 11 tagħha;
- (b) jipprovdu informazzjoni u taħriġ fil-qasam ta' protezzjoni minn radjazzjoni imsemmi fl-Artikolu 24 tagħha;
- (c) jiggarrantixxu li l-ħaddiema tagħhom jkunu suġġetti għal eżami ta' espożizzjoni u sorveljanza medika taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 26 u 28 sa 38 tagħha;
- (d) jiżguraw li l-informazzjoni radjoloġika tal-monitoraġġ ta' espożizzjoni individwali ta' kull wieħed mill-ħaddiema tagħhom fis-sens ta' l-Anness I, parti II ta' din id-Direttiva jinżammu aġġornati fin-*networks* u dokumenti individwali msemmija fl-Artikolu 4(2).

L-Artikolu 6

1. L-operatur ta' arja kkontrollata li fiha ħaddiema estern iwettqu l-attivitàjiet għandu jkun responsabbli, kemm direttament jew permezz ta' ftehim kuntrattwali, għall-aspetti operattivi tal-protezzjoni radjoloġika tagħhom li huma direttament relatati man-natura ta' l-arja kkontrollata u ta' l-attivitàjiet.
2. B'mod partikulari, għal kull ħaddiem estern li jwettaq attivitàjiet f'arja kkontrollata, l-operatur għandu:
 - (a) jikkontrolla li l-ħaddiem ikkonċernat għadda bħala medikalment adatt għall-attivitàjiet li se jingħataw lilu;
 - (b) jiżgura li, b'żieda għat-taħriġ bażiku fi protezzjoni kontra r-radjazzjoni imsemmija fl-Artikolu 5(1)(b), huwa għandu jirricievi taħriġ speċifiku inkonnessjoni mal-karatteristiċi kemm ta' l-arja kkontrollata u kemm ta' l-attivitàjiet;
 - (c) jiżgura li jkun inħariġlu t-tagħmir protettiv personali meħtieġ;
 - (d) jiżgura wkoll li jirricievi monitoraġġ individwali ta' l-espożizzjoni approprijata għan-natura ta' l-attivitàjiet, u kull monitoraġġ operazzjonali dosimetriku li jista' jkun meħtieġ;

- (e) jiżgura konformità mal-prinċipji ġenerali u l-limitazzjoni ta' dożi msemmija fl-Artikoli 6 sa 11 tad-Direttiva 80/836/Euratom;
- (f) jiżgura jew jieħu l-passi approprijati kollha biex jiżgura li wara kull attività l-informazzjoni radjoloġika ta' monitoraġġ individwali ta' l-espożizzjoni ta' kull ħaddiem estern fis-sens ta' l-Anness I, il-Parti III, tkun irreġistrata.

IT-TITOLU IV

L-obbligi ta' ħaddiema esterni

L-Artikolu 7

Kull ħaddiem estern għandu jkun obligat li jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu stess sakemm huwa prattikabbli għall-protezzjoni li s-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku li jirreferi għaliha l-Artikolu 4 hija maħsuba biex tagħtih.

IT-TITOLU V

Dispożizzjonijiet Finali

L-Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1993, il-liġijiet, ir-regolamenti u

d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni bihom.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Diċembru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DE MICHELIS

L-ANNEX I

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦAN-NETWORKS U DOKUMENTI INDIVIDWALI MSEMMIJA
FL-ARTIKOLU 4(2)**

IL-PARTI I

1. Kull sistema ta monitoraġġ radjoloġiku ta' l-Istati Membri għal ħaddiema esterni għandha tinkludi t-tliet taqsimiet li ġejjin:
 - dettalji dwar l-identità tal-ħaddiema esterni;
 - dettalji li għandhom ikunu fornuti qabel il-bidu ta' kull attività;
 - dettalji li għandhom ikunu fornuti wara t-tmiem ta' kull attività.
2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarja biex jimpedixxu kull falsifikazzjoni jew użu ħażin ta', jew tbaġhis illegali mas-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku.
3. Informazzjoni dwar l-identità tal-ħaddiem estern għandha tinkludi wkoll is-sess tal-ħaddiem u d-data tat-twelid.

IL-PARTI II

Qabel il-bidu ta' kull attività, id-data li għandha tiġi fornita permezz tas-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku lill-operatur jew lit-tabib tiegħu approvat mill-impriża barranija jew mill-awtorità li għandha s-setgħa li tagħmel dan għandhom ikunu kif ġej:

- l-isem u l-indirizz ta' l-impriża esterna;
- il-klassifika medika tal-ħaddiem estern skond l-Artikolu 35 tad- Direttiva 80/836/Euratom;
- id-data ta' l-aħħar revizzjoni perijodika medika;
- ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni individwali tal-ħaddiem estern.

IL-PARTI III

L-informazzjoni li l-operatur għandu jirreġistra jew ikollu rreġistrat mill-awtorità li għandha s-setgħa għal dak l-iskop fis-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku wara t-tmiem ta' kull attività għandha tkun kif ġej:

- il-perijodu kopert mill-attività;
- stima ta' kull doża effettiva li jkun irċieva l-ħaddiem estern;
- fil-każ ta' espożizzjoni mhux uniformi, stima ta' doża ekwivalenti fil-partijiet differenti tal-ġisem;
- fil-każ ta' kontaminazzjoni interna, stima ta' l-attività li daħlet fil-ġisem jew id-doża kommissa.

*L- ANNESS II***DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI GĦAL DAWK FL-ANNESS I DWAR ID-DOKUMENT
INDIVIDWALI TA MONITORAĠĠ RADJOLOĠIKU**

1. Id-dokument individwali ta' monitoraġġ radjoloġiku maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għal ħaddiema esterni għandu jkun dokument mhux trasferibbli.
 2. Skond l-Anness I, il-Parti I(2), dokumenti individwali għandhom jinħarġu fl-Istati Membri mill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom jagħtu lil kull dokument individwali numru ta' identifikazzjoni.
-